# Il-Ħadd 29.09.2019

1. It-Tnejn 30/09:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa tal-Bidu tas-Sena Kateketika (tad-Duttrina), li għaliha huma mitluba jiġu kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal. Matul din il-quddiesa nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu. Kemm bħala Parroċċa u kemm bħala Ċentri ta' Tagħlim, ma nistgħux naċċettaw u nidħlu responsabbli għal tfal mhux irreġistrati.

2. Il-Ġimgħa 4/10: - ***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Ħin għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

3. Is-Sibt 5/10:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

4. Il-Ħadd 6/10, niċċelebraw il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju:
   - ***Il-Quddiesa ta' filgħaxija tibda tkun fil-5:30pm, u mhux fis-6:00pm.***
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka minn Dun Darren Pace, Viċi Kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, l-Gżira; bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda, bit-tberik ta' kuruni tar-Rużarju, u animata mill-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:30pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju, u li tintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq u Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja.

   *Infakkru biex ma tħallux karozzi ipparkjati f'dawn it-toroq imsemmija.*
   *F'każ ta' xita l-funzjoni issir fil-knisja stess.*

   N.B. Infakkru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru jingħad ir-Rużarju fil-knisja:
   Filgħodu -- qabel il-quddiesa tas-7:30am;
   Filgħaxija -- fis-6:00pm.

5. Il-Ħamis 10/10:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:30pm.
     Biljetti u dettalji mingħand il-helpers aktar 'il quddiem matul din il-ġimgħa li ġejja.

6. Avviżi oħra:-
   - Matul il-jiem li ġejjin ser jitqassam il-*'Flimkien'* tax-xahar ta' Ottubru, flimkien mal-envelops għad-donazzjonijiet tagħkom b'risq il-Missjoni. Filwaqt li nitlob lil dawk li jqassmu biex jiġbru kollox mis-Sagristija mill-aktar fis, nafda f'idejn il-ġenerożità tagħkom.
   - Ser jiġi organizzat Kors tat-Thejjija għaż-Żwieġ intenzjonat għal dawk li jitkellmu bl-Ingliż u dan ser isir fis-Santwarju tal-Ħniena Divina, San Pawl tat-Tarġa, Naxxar. Dan il-kors jibda nhar is-Sibt 5/10 u jikkordinah il-Kappillan tal-lingwa Ingliża, Dun Charles Carabott. *(Aktar dettalji jinkisbu billi tikkuntattjawh fuq Mobile: 79712001 jew E-mail address: pepprin@gmail.com.)*
   - Il-Moviment ta' Kana ser jorganizza *Parenting Course* intenzjonat b'mod speċjali għal dawk il-koppji għarajjes li diġà għandhom it-tfal. Hekk barra l-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-kors ta' kif tkun ġenitur tajjeb. Aktar dettalji fuq posters li hem fin-Noticeboards u xi flyers fejn il-bibien tal-knisja.

7. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - Min għalaq l-55 sena u jixtieq jieħu t-tilqima kontra l-influwenza mitlub japplika għaliha sal-aħħar ta' Settembru fl-Uffiċċju tal-Kunsill u jieħu miegħu l-karta tal-identità.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 100 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.